MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2010

Numru. 35/2010

**Il-Pulizija
(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Michelle Sultana ta’ 24 sena, bint Joseph u ’Carmen nee’ Cini inwielda Rabat, Ghawdex, nhar it-30 ta’ Settembru, 1985, residenti fil-fond Nru. 96, Triq l-Ghar ta’ Ninu, Xaghra, Ghawdex u dententrici tal-Karta tal-Identita’ bin-numru 37985(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmija Michelle Sultana li giet akkuzata talli nhar it-13 ta’ Ottubru 2009 u fix-xhur ta’ qabel gewwa l-Munxar u f’inhawi ohra f’dawn il-gzejjer, kellha fil-pussess taghha r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u/jew kellha fil-pussess taghha l-pjanta

Cannabis kollha jew bicca minnha u dan ai termini tal-artikolu 8(a) u (d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tad-19 ta’ Frar 2010;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputata liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtha zmien tirrikunsidra l-istess;

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputata l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfront taghha;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputata, il-fedina pernali netta taghha u l-fatt illi kkollaborat mal-Pulizija;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 8(a) u (d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfront taghha izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446, il-Qorti qed tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum;

Il-Qorti twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta’ liberta’ kundizzjonata;

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tas-sustanza li tinsab fid-dokumenti E u F u tordna lir-Registratur tal-Qorti jagħmel dan.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------